



# IL-LATNIJA

## JEFFREY SAMMUT

Hekk kif taqbeż it-Triq tat-Torri l-Aħmar, int u sejjer lejn iċ-Ċirkewwa, issib it-Triq tal-Għajn. Jekk ikollok tidħol ma' din it-trejqa u tasal fuq ix-xifer ta' Rdum il-Qawwi, għandek tinnota ħofra enormi fix-xagħra. Din il-toqba fil-blat tissejjaħ il-Latnija. Il-kelma Latnija jew Latmija tfisser barriera antika.[1]

Imma l-Latnija ta' fuq Irdum il-Qawwi ffurmat bi proċess naturali u mhux tħaffret mill-bniedem. Il-blat u t-tafal li kien hemm taħt ix-xagħra, bil-mod il-mod u wara ħafna snin, ġie mdewweb mill-ilma sakemm il-blat samm ta' fuqu sfronda u fforma l-ħofra mdaqqsa li naraw illum. Bħalha eżatt, għalkemm ħafna akbar, insibu l-Maqluba fil-Qrendi. Sa nofs is-snin disgħin, il-Latnija kienet għadha tinħadem mill-familja tal-Bunker. Ġużepp Vella l-Bunker kien dejjem isemmi kif f'xi manuvri, is-suldati kienu għamlu ħerba mill-minżel iċċangat li mix-xagħra jwasslek għal ġewwa din il-ħofra. Fl-antik, il-minżel kien jingħalaq b'bieba jew rixtellu. Fil-fatt għad baqa' l-koxox tiegħu fil-bidu tal-minżel, kif ukoll il-fdalijiet ta' ħajt għoli li kien iżomm li dak li jkun milli jgħaddi għal ġewwa.[2]

Fil-Latnija kien jikber l-aktar l-għajnbaqar li jilħaq lejn nofs Awwissu, għalkemm kien hemm ukoll xi tin. Il-ħamrija, kemm minħabba li x-xemx ma tantx tiżreġ fuqha, kif ukoll bl-ammont kbir ta' ilma li jaqa' għal isfel mix-xagħra fix-xitwa, kienet iżżomm ħafna tirgħa. Tant hu hekk li s-siġar tal-għajnbaqar, mill-fond ta' hemm isfel, kien irnexxiehom iwasslu l-friegħi tagħhom sax-xagħra fuq. L-art kienet tinħadem bl-idejn, biz-zappuna jew kruxxun, għalkemm il-minżel kien jippermetti li jinżel xi bagħal jew annimal ieħor.[3]

Imma l-Latnija għandha storja eqdem minn hekk. Fil-fatt, l-arkeoloġi Veronika Veen u Adrian van der Blom irrappurtaw li sabu xi fdalijiet pre-istoriċi f'dan il-post.[4] S'issa ma nafu bl-ebda dokumenti li juru li f'dan il-lok kien jgħixu n-nies. Però Dr. Keith Buhagiar, studjuż tal-Istorja Medjevali, isostni li fiż-Żmien Nofsani, jiġifieri madwar 600 sena ilu, xi raħħala li kienu jġibu l-bhejjem jirgħu fl-inħawi tal-Mellieħa, kienu jsibu kenn fil-Latnija. Jista' jkun li kienu jgħixu hemm is-sena kollha. Mal-ġnub, għall-kenn, taħt ix-xfarijet ta' dan id-dagħbien, kien hemm biżżejjed spazju biex jgħixu kemm in-nies kif ukoll il-bhejjem tagħhom. Fil-fatt, dawn id-daħliet kienu mqassma b'ħitan diviżorji tas-sejjieħ. L-ilma ma kienx problema. Meta tkun sena tajba, il-blat kien jibqa' jaħleb u jqattar matul s-sajf kollu u dan seta' jinġabar f'ġarar. Imma aktar importanti, fil-madwar kien hemm nixxigħat tal-ilma jgelglu s-sena kollha, kif ukoll għadira tal-ilma, magħrufa bħala l-Grugruha, moħbija f'ħarq taħt ix-xifer ta' Rdum il-Qawwi.[5] L-isem Grugruha ġej mill-ħoss li jagħmel l-ilma. Jista' jkun ukoll li dawn ir-raħħala kienu jaħdmu l-għelieqi tal-madwar, kemm fil-widien kif ukoll fl-irdumijiet.





# IL-LATNIJA

... IKOMPLI

Hekk kif il-Latnija għamlet xi snin mitluqa u t-Triq tal-Għajn ġiet irranġata xi ftit u ma baqgħetx kollha ħotob u toqob, bdew deħlin aktar karozzi fl-inħawi u din il-ħofra saret magħrufa aktar minn nies. Fiha bdew isiru bbq's u saħansitra festini matul il-lejl. B'hekk, ħafna mill-ħitan antiki nħattu u saru braġ. Pero' l-iskart u ħmieġ li jħallu xi nies warajhom qed jiġi mnaddaf minn Frans Vella tal-Bunker, li dan l-aħħar reġa' beda jgħaddi b'idejh l-għelieqi ta' familtu fil-Latnija. Sfortunatament, iżda, issa daħlet moda oħra. Il-ġnub ta' din il-ħofra naturali intlew b'għexieren ta' grampuni jleqqu li jintużaw minn dawk li jixxabbtu mal-blat u li veru jistonaw mas-sbuħija tal-post. Hija ħasra li xi nies, forsi anke b'nuqqas ta' ħsieb, ikerrhu din il-ġawhra naturali li tista' titqies bħala waħda mit-teżori tagħna l-Melleħin.

Grazzi lil Sammy Borg tal-għajnuna tiegħu biex inkiteb dan l-artiklu.

Is-Sur Jeffrey Sammut

*Riferenzi*

[1]*Wettinger, G. (2000), Place-Names of the Maltese Islands, PEG Ltd, pġ 348.*

[2]*Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Sammy Borg.*

[3]*Sammut, J. (2017), Stejjer minn Irdum il-Qawwi f'Leħen l-Imperial, Best Print Co. Ltd, pġ 77, 80, 87.*

[4]*https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/19781/1/Issue%202%202001%20-%20The%20Latmija%20 Troglodytic%20Settlement.pdf (website aċċessata fit-8/7/2020)*

[5]*Buhagiar, K. (2019) Il-ħolqien tal-pajsaġġ medjevali tal-Mellieħa: viridaria, abitazzjonijiet fl-għerien u sistemi tal-immaniġġjar tal-ilma f'Il-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien, it-Tieni Volum, Kunsill Lokali Mellieħa, pġ 57-59.*

BALLUT BLOCKS

Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY




GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com